**Ministru responsabbli ghar-Rizorsi**

**A.L. 203 ta' l-2002**

**L-Att dwar l-Awtorita tar-Rizorsi ta' Malta, 2001**

**(ATT NRU. XXV TA' L-2000)**

## Regolamenti ghall-protezzjoni ta' l-ilma ta' l-art kontra l-inkwinament kawzat minn certi sustanzi perikoluzi, 2002

Bis-sahha tal-poteri moghtija bl-artikoli 28 (1) ta' l-Att dwar l-Awtorita dwar l-Awtorita tar-Rizorsi ta' Malta, minn hawn 'l hemm msejjah 'L-Att', il-Ministru responsabbli ghar-Rizorsi ghamel ir-regolamenti li gejjin:

1. (1) It-titlu ta' dawn ir-refolamenti huwa: Regolamenti ghall-protezzjoni ta' l-ilma ta' l-art kontra l-inkwinament kawzat minn certi sustanzi perikoluzi, 2002

(2) (a) Dawn ir-Regolamenti jidhlu fis-sehh f'tali data li l-Ministru jista' b'avviz fil-Gazzetta jahtar u f'dati differenti li jistghu jkunu decizi ghal dispozizzjonijiet differenti u ghal skopijiet differenti ta' dawn ir-Regolamenti

(b) (3) Avviz taht il-paragrafu (a) ta' dan is-aubregolament jista' jaghmel tali dispozizzjonijiet transizzjonali kif jidher lill-Ministru li hemm bzonn jew espedjenti rigward id-dispozizzjonijiet hekk migjuba fis-sehh.

(3) Dawn ir-regolamenti huma mmirati biex jevitaw il-kontaminazzjoni ta' l-ilma ta' l-art b'sustanzi li jappartjenu lill-familji jew gruppi ta' sustanzi fil-listi I jew II fl-Iskeda, minn hawn 'l hemm irriferut ghaliha bhala 'sustanzi fil-listi I jew II', u safejn hu possibbli biex ikunu ccekkjati jew eliminati l-konsegwenzi ta' l-inkwinament li diga sehh.

### Interpretazzjoni

**2.** (1) F'dawn ir-regolamenti, jekk kemm-il darba l-kuntest ma jkunx jehtieg xorta ohra:

'ilma ta' l-art' tfisser l-ilma kollu li jinsab taht il-wivv ta' l-art fiz-zona ta' saturazzjoni u f'kuntatt dirett ma' l-art jew mal-hamrija ta' taht;

'hrug dirett' tfisser l-introduzzjoni fl-ilma ta' l-art ta' sustanzi fil-listi I jew II minghajr perkolazzjoni mill-art jew mill-hamrija ta' taht;

'hrug indirett' tfisser l-introduzzjoni fl-ilma ta' l-art ta' sustanzi fil-listi I jew II wara perkolazzjoni mill-art jew mill-hamrija ta' taht;

'inkwinament' tfisser il-hrug mill-bniedem, dirett jew indirett, ta' sustanzi jew energija fl-ilma ta' l-art, ir-rizultati ta' liema huma tali li jistghu jipperikolaw is-sahha umana jew lis-supplimenti ta' l-ilma, jaghmlu hsara lir-rizorsi hajjin u lill-ekosistema akwatika jew jinterferixxu ma uzi legittimi ohra ta' l-ilma.

'Awtorita Kompetenti' tfisser l-Awtorita ghar-Rizorsi ta' Malta

'Il-Ministru' tfisser il-Ministru responsabbli ghar-Rizorsi;

Applikabilita

**3.** Dawn ir-Regolament m'ghandhomx japplikaw ghal:

(a) hrug ta' effluwenti domestici minn abitazzjonijiet izolati mhux konnessi mas-sistema tad-drenagg u li jinsabu barra mill-inhawi protetti ghall-astrazzjoni ta' l-ilma ghall-konsum uman;

(b) hrug li jinstab mill-awtorita kompetenti koncernata li jkun fih sustanzi tal-listi I jew II fi kwantita u koncentrazzjoni hekk zghira li jkun ovvju li ma jipprezenta xi perikolu prezzent jew futur ta' deterjorament fil-kwalita ta' l-ilma ta' l-art riceventi;

(c) hrug ta' materjal li jkun fih sustanzi radjuattivi.

**Hrug u disponiment ta' sustanzi**

**4.** (1) Bis-sahha ta' dawn ir-regolamenti l-hrug kollu dirett ta' sustanzi fil-lista I ghandu jkun ipprojbit.

(2) Barra minn dan l-awtorita kompetenti ghandha:

(b) tissuggetta ghal investigazzjoni prijuri kwalunkwe disponiment jew rimi ghall-iskop ta' disponiment ta' dawn is-sustanzi li jistghu jwasslu ghal hrug indirett. Fid-dawl ta'dik l-investigazzjoni, l-awtorita kompetenti ghandha tipprojbixxi tali attivita, jew ghandha taghti awtorizazzjoni basta li jkunu osservati il-prekawzjonijiet teknici kollha mehtiega biex ikun evitat tali hrug,

(c) tiehu l-mizuri kollha xierqa li hija thoss li huma mehtiega biex ikun evitat kwalunkwe hrug indirett ta' sustanzi tal-lista I dovut ghal attivitajiet fuq jew fl-art barra minn dawk imsemmija fil-paragrafu (b).

Basta li jekk l-investigazzjoni prijuri tixef li l-ilma ta' l-art f'liema huwa ppjanat il-hrug tas-sustanzi tal-lista I mhuwiex permanentement tajjeb ghal uzi ohra, specjalment dawk domestici jew agrikoli, l-awtorita kompetenti tista' tawtorizza l-hrug ta' dawn is-sustanzi basta li l-prezenza taghhom ma timpedixxix l-esplojtazzjoni tar-rizorsi ta' l-art. Dawn l-awtorizazzjonijiet jistghu jkunu moghtija biss kemm-il darba jkunu ttiehd u l-prekawzjonijiet teknici kollha biex ikun assigurat li dawn is-sustanzi ma jkunux jistghu jilhqu s-sistemi akwatici jew jaghmlu hsara lil ekosistemi ohra.

(3) L-awtorita kompetenti tista, wara nvestigazzjoni prijuri, tawtorizza hrug dovut ghal ri-injezzjoni fl-istess akwifatur ta' l-ilma uzat ghal skopijiet gejotermali, ilma ppumpjat minn minjieri u barrieri jew ilma ppumpjat minn xoghlijiet t'inginerija civili.

**Disponiment u hrug suggetti ghal investigazzjoni prijuri**

**5.** (1) L-awtorita kompetenti ghandha taghmel dawn li gejjin suggetti ghal investigazzjoni prijuri:

(a) il-hrug dirett ta' sustanzi fil-lista II,

(b) id-disponiment jew rimi ghal skop ta' disponiment ta' l-imsemmija sustanzi, id-disponiment ta' liema jista' jwassal ghal hrug indirett.

Fid-dawl ta' tali nvestigazzjoni prijuri l-awtorita kompetenti tista' taghti awtorizazzjoni, basta li jkunu osservati l-prekawzjonijiet teknici kollha ghall-prevenzjoni ta' l-inkwinament ta' l-ilma ta' l-art minn dawn is-sustanzi.

(2) L-awtorita kompetenti ghandha tiehu l-mizuri kollha xierqa li hija thoss li huma mehtiega biex ikun evitat kwalunkwe hrug indirett ta' sustanzi tal-lista II dovut ghal attivitajiet fuq jew fl-art barra minn dawk imsemmija fis-sub artikolu (1) ta' dan l-artikolu.

**Ri-iccargjar artificjali ghall-iskop t'immaniggjar ta' l-ilma ta' l-art**

**6.** Minkejja l-artikoli 4 u 5 ta' dawn ir-regolamenti, ri-iccargjar artificjali ghall-iskop t'immaniggjar ta' l-ilma ta' l-art ghandu jkun suggett ghal awtorizazzjoni specjali mahruga mill-awtorita kompetenti fuq bazi ta' kull kaz mehud ghalih. Tali awtorizazzjoni ghandha tinghata biss kemm-il darba ma jkun hemm ebda riskju t'inkwinament ta' l-ilma ta' l-art.

**Ezamijiet addizzjonali**

**7.** L-investigazzjonijiet prijuri li hemm riferenza ghalihom fl-artikoli 4 u 5 ta' dawn ir-regolamenti, ghandhom jinkludu ezami tal-kondizzjonijiet

idrogejologici ta' l-inhawi koncernata, il-qawwiet ta' purifikazzjoni possibbli tal-hamrija u tal-hamrija ta' taht u r-riskju t'inkwinament u l-alterazzjoni tal-kwalita ta' l-ilma ta' l-art mill-hrug u ghandhom jistabilixxu jekk il-hrug ta' sustanzi fl-ilma ta' l-art huwiex soluzzjoni sodisfacenti mill-punto di vista ta' l-ambjent.

**Rekwiziti ta' sorveljanza**

**8.** L-awtorizazzjonijiet li ghalihom hemm riferenza fl-artikoli 4, 5 u 6 ta' dawn ir-regolamenti, ma jistghux jinhargu mill-awtorita kompetenti sakemm ma jkunx gie ccekkjat li l-ilma ta' l-art, u partikularment il-kwalita tieghu, ikunu se jinghataw is-sorveljanza rekwizita.

**Dettalji li ghandhom ikunu specifikati ghal hrug partikulari**

**9.** Meta jkun awtorizzat hrug dirett skond l-artikolu 4 (2) u (3) jew l-artikolu 5 ta' dawn ir-regolamenti, jew meta jkun awtorizzat disponiment ta' ilma hazin li inevitabilment jikkawza hrug indirett skond l-artikolu 5 ta' l-istess, l-awtorizazzjoni ghandha partikularment tispecifika:

(a) il-post tal-hrug,

(b) il-metodu tal-hrug,

(c) il-prekawzjonijiet essenzjali, b'attenzjoni partikulari tinghata lin-natura u l-koncentrazzjoni tas-sustanzi prezenti fl-effluwenti, il-karatteristici ta' l-ambjent riceventi u l-prossimita ta' l-inhawi li minnhom jigi l-ilma, partikularment dawk ghall-ilma tax-xorb, termali u minerali,

(d) il-kwantita massima ta' sustanza permissibbli f'effluwent matul perijodu wiehed jew iktar ta' zmien u l-kondizzjonijiet xierqa dwar il-koncentrazzjoni ta' dawn is-sustanzi,

(e) L-arrangament li jippermettu li effluwenti li johorgu fl-ilma ta' l-art ikunu monitorizzati;

(f) fejn mehtieg, il-mizuri ghall-immoniterjar ta' l-ilma ta' l-art, u partikularment il-kwalita tieghu.

**Dettalji li ghandhom ikunu specifikati f'kaz ta' disponiment li jista' jwassal ghal hrug dirett jew indirett**

**10.** Meta jkun awtorizzat disponiment jew rimi ghall-iskop ta' disponiment li jista' jwassal ghal hrug dirett jew indirett skond l-artikoli 4 jew 5 ta' dawn ir-regolamenti, l-awtorizazzjoni ghandha partikularment tispecifika:

(a) il-post fejn isir id-disponiment jew rimi,

(b) il-metodi tad-disponiment jew rimi wzati,

(c) il-prekawzjonijiet essenzjali, b'attenzjoni partikulari tinghata lin-natura u l-koncentrazzjoni tas-sustanzi fil-materja li se tintrema jew se jkun disponut minnha, il-karatteristici ta' l-ambjent riceventi u l-prossimita ta' l-inhawi li minnhom jigi l-ilma, partikularment dawk ghall-ilma tax-xorb, termali u minerali,

(d) il-kwantita massima permissibbli, waqt perijodu ta' zmien wiehed jew iktar specifikat, tal-materja li jkun fiha sustanzi tal-listi I jew II u, fejn possibbli, ta' dawk is-sustanzi nfushom, li se jintremew jew se jkun disponut minnhom u l-kondizzjonijiet xierqa dwar il-koncentrazzjoni ta' dawk is-sustanzi,

(e) fil-kazijiet li hemm riferenza ghalihom fl-artikolu 4 (1) u l-artikolu 5 (1) ta' dawn ir-regolamenti, il-prekawzjonijiet teknici li ghandhom ikunu mplimentati biex ikun evitat kwalunkwe hrug fl-ilma ta' l-art ta' sustanzi tal-lista I u ta' kwalunkwe inkwinament ta' tali ilma b'sustanzi tal-lista II,

(f) fejn mehtieg, il-mizuri ghall-immoniterjar ta' l-ilma ta' l-art, u partikularment il-kwalita tieghu.

**It-tul ta' l-awtorizazzjoni**

**11.** L-awtorizazzjonijiet li ghalihom hemm riferenza fl-artikoli 4 u 5 ta' dawn ir-regolamenti, jistghu jinghataw ghal perijodu ta' zmien limitat biss, u ghandhom ikunu riveduti ta' linqas kull erba' snin. Dawn jistghu jkunu mgedda, emendati jew imnehhija.

**Rifjut u tnehhija t'awtorizazzjoni**

**12.** (1) Jekk persuna li titlob awtorizazzjoni kif hemm riferenza fl-artikoli 4 jew 5 ta' dawn ir-regolamenti, tistqarr li mhix f'pozizzjoni li tikkonforma mal-kondizzjonijiet stabbiliti, jew jekk din is-sitwazzjoni tkun evidenti lill-awtorita kompetenti, l-awtorizazzjoni tigi rrifjutata.

(2) Jekk il-kondizzjonijiet stabbiliti ma jkunux ikkonformati maghhom, l-Awtorita ghandha tiehu l-passi xierqa biex tassigura li dawn il-kondizzjonijiet jigu mwettqa u jekk ikun hemm bzonn, hija ghandha tnehhi l-awtorizazzjoni.

**Immoniterjar tal-konformita**

**13.** L-awtorita kompetenti ghandha timmonitorizza l-konformita mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-awtorizazzjonijiet u l-effetti tal-hrug fl-ilma ta' l-art,

**Dispozizzjoni transitorja**

**14.** Rigward hrug ta' sustanzi tal-listi I jew II li jkunu ga qed isehhu fid-data tad-dhul fis-sehh ta' dawn ir-regolamenti, l-awtorita kompetenti tista' tistipula perijodu ma' l-gheluq ta' liema l-hrug in kwestjoni ghandu jikkonforma ma' dawn ir-regolamenti.

**Inventarju**

**15.** L-awtorita kompetenti ghandha zzomm iventarju ta' l-awtorizazzjonijiet, li hemm riferenza ghalih fl-Artikolu 4 ta' dawn ir-regolamenti, tal-hrug ta' sustanzi fil-lista I, l-awtorizazzjonijiet li he mm riferenza ghalihom fl-Artikolu 5 ta' l-istess, ta' hrug dirett ta' sustanzi tal-lista II u l-awtorizazzjonijiet li ghalihom hemm riferenza fl-Artikolu 6 ta' dawn ir-regolamenti.

**Ebda nkwinament ta' l-ilma ta' l-art**

**16**. L-applikazzjoni tal-mizuri mehuda in segwitu ghal dawn ir-Regolamenti m'ghandhom ghal ebda raguni jwasslu, direttament jew indirettament, ghal inkwinament ta' l-ilma ta' l-art.

**17.** Kull persuna tista' tinstab hatja t'offiza taht dawn ir-regolamenti jekk:

(a) (a) tonqos li tikkonforma ma' kwalunkwe dispozizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew ma' kwalunkwe ordni moghtija legalment fit-termini ta' kwalunkwe dispozizzjoni ta' dawn ir-regolamenti; jew

(b) (b) tikser kwalunkwe restrizzjoni, projbizzjoni jew kondizzjoni mposta minn jew taht dawn ir-regolamenti, jew

(c) (c) tagixxi f'kontravenzjoni ta' xi wahda mid-dispozizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti; jew

(d) (d) tikkonfoffa jew tipprova, jew tghin, inkella theggeg kwalunkwe persuna ohra bi kwalunkwe mezz, inkluzi riklamar, parir jew ksib biex tikser id-dispozizzjonijiet jew biex tonqos li tikkonforma ma kwalunkwe tali dispozizzjoni (inkluza kwalunkwe ordni moghtija legalment fit-termini ta' kwalunkwe dispozizzjoni ta' dawn ir-regolamenti) jew biex tikser kwalunkwe restrizzjoni, projbizzjoni jew kondizzjoni mposta minn jew taht l-imsemmija regolamenti.

**Penalitajiet**

**18.** Kwalunkwe persuna li tikkommetti offiza kontra dawn ir-regolamenti tkun, wara li tinstab hatja, tista' tehel:

(a) (a) l-ewwel darba li tinstab hatja multa ta' mhux inqas minn hames mitt lira Maltin imma li ma taqbizx l-elf lira Maltija;

(b) (b) it-tieni darba u fi drabi ohrajn wara, multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija, imma li ma taqbizx l-elfejn lira Maltin jew prigunerija ghal zmien li ma jaqbizx sentejn, jew inkella multa flimkien ma prigunerija:

Basta wkoll li l-qorti ghandha tordna kwalunkwe persuna li nstabet hatja li kkommettiet offiza kontra dawn ir-regolamenti biex thallas ghall-ispejjez maghmula mill-Awtorita Kompetenti bhala rizultat ta' l-imsemmija offiza, ir-revoka tal-permess mahrug mill-Awtorita Kompetenti u l-konfiska tal-*corpus delicti.*

**19.** (1) (1) Id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 23 u s-subartikolu (1) ta' l-artikolu 30 tal-Kodici Kriminali ghandhom japplikaw, *mutatis mutandis* ghall-procedimenti rigward l-offizi kontra dawn ir-regolamenti, u ghalhekk l-iskwalifika mill-pussesss u l-ksib ta' licenzja, permess jew awtorita m'ghandhom f'ebda kaz ma jkunu t'inqas minn sena.

(2) Minkejja d-dispozizzjonijiet tas-sezzjoni 370 tal-Kodici Kriminali, procedimenti ghal offiza kontra dawn ir-regolamenti ghandhom jinzammu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), kif ikun il-kaz, u ghandhom ikunu skond id-dispozizzjonijiet tal-Kodici Kriminali li jirregola l-procedura quddiem l-imsemmija qrati bhala qrati tal-gudikatura kriminali.

(3) Minkejja d-dispozizzjonijiet tal-Kodici Kriminali, il-Prosekutur Pubbliku ghandu dejjem ikollu d-dritt li jappella lill-Qorti Kriminali ta' l-Appell minn kwalunkwe haqq moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) rigward procedimenti ghal kwalunkwe offiza kontra dawn ir-regolamenti.

## Skeda

LISTA I TA' FAMILJI U GRUPPI TA' SUSTANZI

Il-Lista I fiha s-sustanzi individwali li jappartjenu ghall-familji u gruppi ta' sustanzi innumerati hawn taht, bl-eccezzjoni ta' dawk li huma kkonsidrati mhux xierqa ghall-lista I fuq il-bazi ta' riskju baxx ta' tossicita, persistenza u bijoakkumulazzjoni.

Tali sustanzi fejn jidhlu tossicita, persistenza u bijoakkumulazzjoni huma xierqa ghall-lista II u ghandhom ikunu kklassifikati fil-Lista II.

1. Komposti u sustanzi organohalogen li jistghu jiffurmaw minn tali komposti fl-ambjent akwatiku

2. Komposti organofosfori

3. Komposti organotin

4. Sustanzi li jippossiedu propjetajiet carcinogenic, mutagenic jew teratogenic fi jew permezz ta' l-ambje nt akwatiku 1

5. Il-merkurju u l-komposti tieghu

6. Il-Kadmium u l-komposti tieghu

7. Zjut minerali u idrokarburi

8. Cyanides

LISTA II TA' FAMILJI U GRUPPI TA' SUSTANZI

Il-Lista II fiha s-sustanzi ndividwali u l-kategoriji ta' sustanzi li jappartjenu lill-familji u gruppi ta' sustanzi llistjati hawn taht li jistghu jkollhom effett li jaghmel hsara lill-ilma ta' l-art.

1. Il-metallojdi u l-metalli li gejjin u l-komposti taghhom:

a) |ingu
b) ram
c) Nikil
d) Chrome
e) comb
f) Selenju
g) Arseniku
h) Antimonju

[1] Where certain substances in list II are carcinogenic, mutagenic or teratogenic, they are included in category 4 of this list.

i) Molybdenum
j) Titanju
k) Landa
l) Barium
m) Beryllium
n) Boron
o) Uranju
p) Vanadium
q) Kobalt
r) Thallium
s) Tellurium
t) Fidda

2. Il-bijocidi u d-derivattivi taghhom li ma jidhrux fil-Lista I

3. Sustanzi li ghandhom effett deletorju fuq it-toghma u/jew riha ta' l-ilma ta' l-art, u komposti lijabbli li jikkawzaw il-formazzjoni ta' tali sustanzi f'tali ilma u li jirrenduh mhux tajjeb ghall-kons um uman.

4. Komposti tas-silikon organici tossici u persistenti, u sustanzi li jistghu jikkawzaw il-formazzjoni ta' tali komposti fl-ilma, eskluzi dawk li huma meqjusa li bijologikament ma jaghmlux hsara jew li rapidament fl-ilma jinbidlu f'sustanzi li ma jaghmlux hsara.

5. Komposti inorganici ta' fosforu u fosforu elementali.

6. Fluorides

7. Ammonja u nitrati.